# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024**

**Numru 11**

**Rikors Numru 1380/23TA**

**Kurt Guenther [K.I. Nru. 240286(M)]; u**
**Rebecca James [K.I. Nru. 21392(M)]**

**vs**

**Simone Guenther [K.I. Nru. 308864 (M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Kurt Guenther u Rebecca James (l-Atturi) tal-5 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. L-esponenti huma tnejn minn erbat itfal li kellu d-defunt Stephen Guenther, filwaqt li l-intimata hija l-armla tiegħu. Fit-8 ta' April tal-2013, Stephen Guenther ġie nieqes **(Dok. 'A')**.

2. B'testment datat fid-29 ta' Ottubru tal-2007, Stephen Guenther kien immodifika t-testment li huwa kien għamel fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha fil-21 ta' Jannar tal-2003, b'dana illi huwa istitwixxa bħala eredi universali proprjetarja assoluta unika tiegħu lill-intimata Simone Guenther, kif aħjar deskritt fl-imsemmi testment **(Dok. 'B')**.

3. L-intimata iddikjarat l-eredità ta' Stephen Guenther permezz ta' dikjarazzjoni rigward trasferiment *causa mortis* nhar is-26 ta' Settembru 2013 **(Dok. 'Ċ')**.

4. Minn naħa 'l oħra, l-esponenti kienu intavolaw ittra ġudizzjarja **(Dok. 'D' u 'E')** fil-konfront tal-intimata fejn hija ġiet infurmata li l-esponenti kellhom kull intenzjoni illi jitolbu dak kollu li huwa dovut lilhom mis-suċċessjoni ta' missierhom, occorrendo s-sehem riżervat skont il-liġi.

5. Minkejja dan, l-intimata għadha sal-lum il-ġurnata ma ħalsitx is-sehem riżervata li jispetta lill-esponenti, u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

6. L-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

**<u>Raguni tat-talba</u>**

1. Għalhekk, l-esponenti qegħdin jagħmlu din il-kawża sabiex, fost affarijiet oħrajn, din l-Onorabbli Qorti tillikwida s-sehem riżervat dovut lir-rikorrenti u tordna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-sehem riżervat kif likwidat.

**<u>Talbiet</u>:**

**Tgħid għalhekk l-intimata 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, salv kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:**

i. Tillikwida l-assi konjugali ta' Stephen Guenther [K.I. Nru. 0464161(M)] u l-intimata Simone Guenther, billi ssib liem huma dawk l-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, u liem huma dawk l-assi li kienu jappartjenu lil Stephen Guenther parafernalment.

ii. Tordna d-diviżjoni tal-assi bil-għan li tiġi stabbilita l-konsistenza tal-patrimonju ta' Stephen Guenther.

iii. Kemm-il darba d-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Stephen Guenther tiegħu jeċċedu s-sehem li seta' jiddisponi minnu skont il-liġi, tordna illi l-istess dispożizzjonijiet jitnaqqsu sa dak is-sehem.

iv. Tiddikjara illi r-rikorrenti huma intitolati għas-sehem riżervat dovut lilhom skont il-liġi mis-suċċessjoni tad-defund missierhom Stephen Guenther.

v. Tillikwida dak l-ammont dovut lir-rikorrenti jew min minnhom mis-suċċessjoni tad-defunt missierhom Stephen Guenther, u dan bil-ħatra ta' perit nominandi jekk ikun il-bżonn.

vi. Tordna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti jew min minnhom s-sehem riżervat hekk likwidat u dovut u tordna jekk meħtieġ l-bejgħ bl-irkant ta' dak jew dawk l-assi illi jservu sabiex jiġi saldat il-kreditu dovut skont it-

talba preċedenti, bl-imgħax legali minn dik id-data illi tqis xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Bl-imgħax legali skont il-liġi, u bl-ispejjeż kontra l-intimata inkluż tal-ittri ġudizzjarji bin-numru 1440/2023 u oħra bin-numru 834/2023 flimkien mal-ispejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni li qiegħed jiġi preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, li minn issa tinsab inġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Simone Guenther (il-konvenuta) tad-9 ta' ta' Frar 2024 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"1. Illi, din il-kawza mhiex proponibli stante li l-azzjoni hija ormai estinta fit-terminu tal-Artikolu 845(1) tal-Kapitolu 16, minħabba t-trapass ta` aktar minn għaxar snin mill-mewt ta` żewgha fit-8 ta` April 2013 peress li dawn il-proċeduri ġew inizjati fil-5 ta` Diċembru 2023.

2. Illi, l-fatt li r-rikorrenti ppreżentaw ittra uffiċjali ma jxekkel xejn minn dak li intqal fl-ewwel eċċezzjoni stante li hawn si tratta ta` perjodu perentorju u mhux perjodu preskrittiv.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-mertu."

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Fit-8 ta' April 2013 miet Gunther Guenther li jiġi missier l-Atturi u żewġ il-konvenuta. L-Atturi huma tnejn mill-erbat itfal li kellu d-defunt.

B'testment datat 29 ta' Ottubru 2007, fl-atti tan-nutar Francis Micallef, l-imsemmi Gunther Guenther istitwixxa lill-konvenuta bħala l-unika eredi tiegħu (a' fol 12). Il-konvenuta għamlet id-dikjarazzjoni *causa mortis* fis-26 ta' Settembru 2013.

B'din il-kawża l-Atturi qegħdin ifittxu għall-porzjoni riservata lilhom mil-liġi (leġittima).

**Punti legali**

L-Atturi qegħdin jitolbu s-sehem riservat lilhom skont il-liġi mill-eredita' tad-defunt missierhom. L-artikoli tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw dan l-Istitut huma s-segwenti:

"*615.(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjetriżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-marajew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

*616.(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

*(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija*".

L-azzjoni odjerna tirrigwarda l-jedd tas-sehem riżervat, qabel magħruf bħala l-leġittima, kif mogħti u regolat bl-artikolu fuq imsemmija. Kienu l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni bl-Att XVIII ta' l-2004 li introduċew il-prinċipju tas-sehem riservat li jittraduċi lilu innifsu fi kreditu fejn qabel il-leġittima kienet tkun komposta in natura (*in kind*) mill-assi kollha tal-eredita'.

Għal dak li huma prinċipji legali relatati ma' ħlas tas-sehem riżervat, il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza Christopher Brincat et vs Emanuela Caruana, mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (per Imħallef Joseph R. Micallef) fis-27 ta' April 2017** fejn intqal hekk dwar dan l-Istitut:

"*Illi l-liġi tqis is-sehem riżervat bħala jedd, fis-sura ta' kreditu tal-valur tas-sehem, fuq il-beni tal-mejjet riżervat mill-liġi favur l-ulied tal-mejjet. Il-werriet li lilu jmiss tali sehem irid jitolbu mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (App. Ċiv. 10.6.1949 fil-kawża fl-ismijiet Farruġia noe et vs Mintoff noe et (Kollez. Vol: XXXIII.i.472)).*

*Minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi, ma għadux meħtieġ li tali sehem jingħata lill-benefiċjarju b'ġid tal-wirt in natura, jiġifieri li jkun magħmul minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (Caruana Galizia Notes on Civil Law –Law on Succession, paġ. 1021) (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' żżwieġ (Art. 620(3) tal-Kap. 16)), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral (Art. 620(2) tal-Kap. 16) u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur (Art. 620(4) tal-Kap. 16), u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni (Art. 620(1) tal-Kap. 16); Illi dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu (Art. 616(2) tal-Kap. 16). Dan ifisser li l-ulied kollha, inkluż dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat (Art. 618(1) tal-Kap. 16)... ;*

*Illi minbarra dan, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso għas-subartikolu (2) li hemm illum (li jagħti lill-Qorti diskrezzjoni dwar kemm għandha tkun ir-rata xierqa ta' mgħax li tinġema' mas-sehem riżervat likwidat jew jekk għandux jinġema' mgħax), u għaldaqstant id-dritt għall-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) (Art. 1139 tal-Kap. 16) għandhom jiżdiedu mal-kreditu tal-valur tas-sehem riżervat mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, jekk tali sehem jintalab fi żmien sentejn minn dik id-*

*data jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jgħaddu s-sentejn.*

*Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, mhux applikabbli d-diskrezzjoni tal-Qorti li tnaqqas jew 'taħfer' l-imgħax miġmugħ fuq is-sehem li jmisshom minnu l-atturi [l-istess japplika għal każ in diżamina]... Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabbilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni (P.A. JZM 29.2.2016 fil-kawża fl-ismijiet Raffaele Vella vs Salvino Vella et (mhix appellata)). Dan jgħodd kemm jekk is-sehem riżervat jingħata f'ġid mill-wirt u kif ukoll jekk jitħallas fi flus għaliex, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja" (App. Ċiv. 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et (mhix pubblikata));*

*Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "aestimatio rei" (App. Ċiv. 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et (mhix pubblikata)). F'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat (App. Ċiv. 28.1.2005 fil-*

*kawża fl-ismijiet Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et). Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabbilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Bl-istess mod lanqas ma jista' jitqies l-iżvalutar illi xi investiment seta' ġarrab minn wara l-mewt tat-testatur. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet; Illi dan il-kriterju iżda jinbidel meta ssir aljenazzjoni mill-werrieta ta' parti mill-wirt wara l-ftuħ tiegħu u waqt li jkun għaddej is-smigħ tal-kawża. F'dik iċ-ċirkustanza, il-valur tal-ġid hekk trasferit għandu jitqies bħala dak taż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali (App. Ċiv. 14.12.1973 fil-kawza fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et (mhix pubblikata));"*

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel ma jrid ikun deċiż hija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta li l-azzjoni magħmula ma hiex proponibbli peress li hija estinta fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

*"(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.*

*(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ".*

Huwa għalhekk importanti li jiġi stabbilit jekk il-perjodu imsemmi fl-ewwel subartikolu ta' dan l-artikolu huwiex wieħed ta' dekadenza jew preskrittiv.

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Edith Galea et vs Joseph Degiorgio et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Mejju, 2005** saret referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954**, fejn ingħad hekk:

"*Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala 'petitio hereditatis' biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva...... Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kawzali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`, konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto*" ".

Dan ifisser li biex din l-eċċezzjoni tirnexxi irid l-ewwel ikun provat l-element attiv tal-pussess kif spjegat f'din is-Sentenza. Issa l-provi f'din il-Kawża huma skarsi għall-aħħar u b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li kien hemm dan il-pusses biex seta' jiddekorri kontra l-Atturi il-

perjodu preskrittiv. Di pju' din il-preskrizzjoni ma hiex waħda ta' estinzjoni iżda waħda akkwisittiva (ara **Borg v. Zammit deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 1995**). Iżda fi kwalunkwe każ f'din l-aħħar Sentenza il-Qorti qieset ukoll li ż-żmien maħsub fl-artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva. Dan isib il-konfort ta' ġurisprudenza assodata illi tistabilixxi li t-terminu msemmi fl-Artikolu 845 tal-Kap.16 huwa wieħed ta' preskrizzjoni akkwiżittiva, u mhux ta' dekadenza.

Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna illi dan it-terminu jopera mhux kontra min jagħmel l-azzjoni bħala terminu ta' dekadenza li kif jgħaddi jxejjen darba għal dejjem l-azzjoni, iżda huwa terminu li jista' jgħaddi a favur tal-persuna li kontra tagħha l-azzjoni tkun saret jekk kemm-il darba din tal-aħħar tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-preskrizzjoni akkwiżittiva.

Il-Qorti taqbel ma dan it-tagħlim u tagħmlu tagħha. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta qed tkun miċħuda.

*<u>Il-mertu</u>*

Kif diġa' rilevat, il-provi dwar l-entita' tal-eredita' tad-defunt Stephen Guenther huma skarsi għall-aħħar u ħlief għall-immobbli imsemmija fit-testment tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2007 fuq imsemmi ma jirrisulta li ma hemm xejn aktar. Anke dwar valuti, din il-Qorti ser timxi fuq dawk mogħtija fit-testment inkwistjoni.

Jidher li l-assi li kienu jikkomponu l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Guenther kienu dawk imsemmija f'dan it-tesment li minnhom id-defunt Stephen Guenther kellu s-segwenti:

1. Nofs indiviż ($^1/_2$) tad-dar bil-garage magħha bin-numru 25 magħrufa ukoll bl-isem ta' Elizabeth Hse, fi Triq il-Lunzjata, San Ġwann liema sehem ġie valutat fis-somma ta' €125,000.

2. In-nofs indiviż ($^1/_2$) tal-garage bin-numru 8 Triq Marmora, f'The Village, San Gwann liema garage jifforma parti minn block bla numru jew isem, u liema block huwa markat bl-ittra B. Dan is-sehem ġie valutat bħala li jiswa €17,500.

3. Nofs indiviż ($^1/_2$) ta' appartament bin-numru 2 formanti parti minn Block bla numru iżda magħruf bl-isem "Rima Flats, fi Triq in-Naħla, Marsalforn, Għawdex. Dan is-sehem ġie valutat fl-ammont ta' €40,000.

Apparti l-propjeta' fuq imsemmija formanti parti mil-kommunjoni tal-akkwisti, id-defunt kellu ukoll terż indiviż ($^1/_3$) minn qabar fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata kif aħjar deskritt fl-imsemmi testment. Dan kien tiegħu parafernali u ġie valutat li jiswa €900.

Dan ifisser li l-eredita' tad-defunt Stephen Guenther għandha l-valur totali ta' €183,400. Huwa fuq dan l-ammont li trid tiġi kkalkolata l-parti riservata skont il-liġi dovuta lil kull wieħed mill-Atturi. Issa kif rajna artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li *"(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm*

*jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu".*

Issa, kif anke jippremettu l-Atturi, id-defunt Stephen Guenther kellu erbat itfal. Dan ifisser li s-sehem riservat lill-erbgħa ulied huwa s-segwenti: €61,133. Ma għandniex xi ngħidu dan għandu jinqasam bejn erbgħa biex għalhekk kull wieħed mill-Atturi għandu jirċievi ħmistax-il elf mitejn tlieta u tmenin Ewro (€15,283)

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi u tiddikjara li l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Guenther tikkonsisti fl-immobbli kollha fuq imsemmija salv għall-qabar li huwa parafernali tad-defunt Stephen Guenther.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** pero' flok tordna d-diviżjoni tal-assi, stante li llum il-propjeta' kollha fuq imsemmija hija propjeta' Konvenuta, qed ikun dikjarat li l-valur tal-eredita' tal-mejjet Stephen Guenther hija dik ta' mija u tlieta u tmenin elf u erbgħa mitt Ewro (€183,400).

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba Attriċi stante li ma hux il-każ li jkun hemm tnaqqis.

**Tilqa' ir-raba' talba** Attriċi.

**Tilqa' il-ħames talba Attriċi** u tillikwida li l-ammont dovut lil kull wieħed u waħda mill-Atturi huwa dak ta' ħmistax-il elf mitejn tlieta u tmenin ewro (€15,283).

**Tilqa' il-ħames talba Attriċi** u tordna lill-konvenuta tħallas lil kull wieħed u waħda mill-Atturi l-ammont kif likwidat u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-proviso tal-artikolu 625(2) tal-Kodiċi Ċivili għandu jiddekorri imgħax ta' 5% fuq dawn is-sommom b'effett mis-6 ta' Marzu 2023 sal-pagament effettiv (ara a' fol 18 u tergo).

Spejjes tal-kawża a' karigu tal-Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**